QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF

ONOR. DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A.,LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS, 30 TA' MEJJU , 2002.

APPELL NRU. 44/2002

IL-PULIZIJA.

VS

JOHN GAUCI.

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-25 ta' Settembru, 2001, talli, fuq talba tal-Kummissarju ta' t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud , gie akkuzat ghan-nom u in rapprezentanza ta' JJM Company Limited u bhala persuna registrata mall-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud, naqas li jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 4 ta' Lulju, 2000, u moghtija fil-konfront tieghu in kwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien xaharejn mid-data tas-sentenza , jikkonforma ruhu mall-ligi u fin-nuqqas jehel multa ta' sitt lri Maltin (LM6) kull jum li matulu ikompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien u ghalhekk il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi imputat jigi kundannat li jhallas il-penali imsemmija fis-sentenza fuq referita ghal periodu li jibda mill-05 ta' Settembru, 2000, sas-7 ta' Frar, 2002;

Rat is-sentenza tad-19 ta' Frar, 2002 , li biha l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali , wara li rat l-artikolu 76 tal-Att XXII ta' l-1998 , billi irrizulta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif dedotta u ikkundannatu ghall-penali ta' LM3126.(tlitt elef , mija u sitta u ghoxrin liri Maltin ) multa, rapprezentanti l-periodu bejn il-5 ta' Settembru, 2000 sas-7 ta' Frar, 2002;

Rat ir-rikors tal-appell ipprezentat mill-appellant fis-27 ta' Frar, 2002 li bih talab li din il-Qorti tirrevoka is-sentenza tad-19 ta' Frar, 2002 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tiddikjara l-appellant mhux hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu u tilliberah;

Rat l-aggravji tal-appellant li fil-qosor huma li l-ufficjal prosekutur li allegatamnt kien mexxa kontra l-appellant fil-proceduri tas-sentenza ta' l-4 ta' Lulju, 2000 ma xehedx fuq l-identita' tal-appellant bhala l-istess persuna imsemmija fis-sentenza in kwistjoni ; li barra minn hekk l-kopja tas-sentenza ta' l-4 ta' Lulju, 2000 , ma kienetx kopja legali u b'hekk ma kienetx l-ahjar prova , kif tesigi l-ligi ; u li kien impossibbli ghalih li jesegwixxi is-sentenza ghax ma kellux id-dokumenti relattivi tan-negozju tieghu ghax dawn kienu fil-pussess ta' terzi li inibewh milli jkollu access ghal tali dokumenti biex jottempera ruhu mas-sentenza in kwistjoni;

Semghet ix-xhieda ta' James Farrugia ghall-prosekuzzjoni u lill-istess appellant li it-tnejn kienu xehdu fil-prim' istanza;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkunsidrat ;

Illi l-appellant mhux qed jikkontesta li hu kien il-"persuna registrata" in rapprezentanza tas-socjeta' JJM Company Limited li kellha l-obbligu li taghmel ir-return jew denunzja ghaz-zmien ta' taxxa relattiv li dwaru instabet htija mill-ewwel Qorti bl-ewwel sentenza tal-4 ta' Lulju, 2000 . Bhala tali hu kien instab hati li naqas sal-15 ta' Lulju, 1999, li jibghat ill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud id-denunzja tat-taxxa ghaz-zmien ta' taxxa li ntemm fil-31 ta' Mejju, 1999 u dana bi ksur tal-Art. 27(1) u 76 (c) tal-Att Numru XXIII ta' l-1998 . Oltre il-multa ta' LM100 li giet imposta mill-ewwel Qori fl-ewwel sentenza , fuq ammissjoni, dik il-Qorti kienet ordnat bl-applikazzjoni ta' l-art 76 tal-istess Att lill-imputat appellant sabiex fi zmien xaharejn minn dik id-data (cioe' 4.7.2000) jikkonforma ruhu mall-ligi u , fin-nuqqas jehel multa ohra ta' LM6 ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

Peress li din id-denunzja baqghet ma'saritx l-appellant rega' gie imharek biex jidher quddiem l-istess Qorti fil-25 ta' Settembru, 2001 u wara li instab hati gie kundannat ihallas il-multa ta' LM3126 ghall-periodu minn meta skattat il-multa u cioe' mill-5 ta' Settembru, 2000 sas-7 ta' Frar, 2002 , meta finalment saret denunzja mill-appellant;

Ikkunsidrat:

Illi l-art. 27 (1) tal-Att XXIII ta' l-1998 jiddisponi li :-

> "kull persuna registrata li ma tkunx persuna ezenti ghandha taghmel denunzja lill-Kummissarju ghal kull zmien ta' taxxa sa mhux aktar tard mill-hmistax il-jum tat-tieni xahar li jigi wara ix-xahar li matulu jintemm iz-zmien ta' taxxa relattiva."

u l-art. 76 (c) jiddisponi li :-

> "kull persuna li :-
> (c) tonqos milli taghmel denunzja ta' taxxa jew kull denunzja addizzjonali , dikjarazzjoni jew taghti taghrif jew li iggib kotba , dokumentazzjoni, dokumenti u kontijiet , jew tonqos milli thallas xi taxxa jew penali amministrattiva , meta tkun mehtiega taghmel dan bis-sahha ta' dan l-Att jew ta' kull regolament maghmul bis-sahha ta' dan l-att , tkun hatja ta'reat u tehel, meta tinstab hatja , multa ta' mhux inqas minn mitt lira (LM100) u mhux izjed minn tlitt mitt lira Maltin (LM300) u, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti ghandha tordnalha biex tikkonforma ruha mall-ligi fi zmien bizzejjed biex tkun tista' taghmel dan , izda f'kull kaz mhux aktar minn tlitt xhur u , fin-nuqqas, min jaghmel ir-reat , ikollu jhallas multa ohra ta' mhux inqas minn zewg liri u mhux izjed minn ghaxar liri ghal kull zmien li matulu jkompli n-nuqqas, wara li jghaddi z-zmien moghti mill-Qorti."

Illi ghalhekk mhemmx dubju li l-ewwel Qorti fis-sentenza originali tal-4 ta' Lulju, 2000 , agixxiet entro il-parametri legali tal-piena meta sabet lill-appellant hati u ikkundannatu multa ta' LM100 u ordnatlu li fi zmien xaharejn jikkonforma ruhu mall-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' LM6 ghal kull jum li matulu ikompli in-nuqqas wara li jghaddu l-imsemmija xaharejn. Ghalkemm il-penali setghet kienet inqas b'minimu ta' Lm2 kulljum , ma sarx appell mill-ewwel sentenza u din ghaddiet in gudikat .

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant li hu ma giex identifikat quddiem l-ewwel Qorti bhala l-persuna li kienet instabet hatja bl-ewwel sentenza tal-4 ta' Lulju, 2000 , ma jreggix ghax ix-xhud tal-Prosekuzzjoni u ufficjal dipartimentali responsabbli mill-prosekuzzjoni, James Farrugia, xehed quddiem din il-Qorti li kien identifika lill-appellant quddiem l-ewwel Qortri u hu baqa' jsostni dan in kontroezami. L-appellant bl-ebda mod ma ikkontradica din ix-xhieda u ghalhekk il-Qorti ma ghandix ghala ma tistriehx fuqha u taccetta li James Farrugia kien verament identifika u gharaf lill-appellant odjern bhala l-istess persuna sentenzjata bis-sentenza tal-4 ta' Lulju, 2000. Ghalhekk dan l-aggravju ma jirrizultax pruvat u anzi jirrizulta proprju l-kuntrarju u ghalhekk qed jigi respint;

Illi it-tieni aggravju li ma gietx esebita kopja legali tas-sentenza tal-4 ta' Lulju, 2000 quddiem il-Qorti tal-

Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jidher li huwa ukoll infondat ghax proprju bhala dokument JF3 (fol.8 u 9) giet esebita "vera kopja" tas-sentenza in kwistjoni mill-imsemmi xhud James Farrugia fid-19 ta' Frar, 2002 . Din il-vera kopja iggib it-timbru u l-firma awtentika ta' Deputat Registratur fuq iz-zewg faccati taghha u fil-fehma ta' din il-Qorti dan jissodisfa il-kriterju tal-principju probatorju li ghandha tingieb l-ahjar prova , kif targumenta id-difiza tal-appellant fir-rikors tal-appell. Del resto umbaghad l-appellant mhux qed jadduci bhala aggravju li il-kopja esebita mhux fidili jew fiha xi inezattezzi , imma biss li hu ma setax jesegwixxi dik is-sentenza minnhabba impossibilita' . Igifieri hu qed jaccetta implicitament li is-sentenza hi dik li hemm esebita fil-process bhala Dok. JF3;

Illi dwar l-ahhar aggravju , irrizulta bhala fatt li ir-return jew denunzja li kien qed jippretendi d-Dipartiment effettivament saret fit-8 ta' Frar, 2002, meta l-appellant mela formola bhal dik li kopja taghha giet esebita minn James Farrugia fis-seduta tal-11 t'April, 2002 , liema formola mhux "computer generated" izda mimlija bil-pinna . Din fiha il-kaxex kollha sgassati f' zewg linji parrallelli djagonali u fiha il-kelma "NIL" bejn dawn iz-zewg linji. Tidher li saret minn John Gauci u iggib firma, indikazzjoni tal-karika u data, in calce u fil-parti ta' fuq tal-formola iggib l-isem tal-kumpanija J.J.M. Co. Ltd., in-numru tal-VAT tal-istess socjeta, id-data tal-bidu u tmiem tal-periodu ta' taxxa u id-data tal-eghluq, kollha mimlija bil-pinna . Il-kaxex thallew kollha vojti;

Illi mix-xiehda ta' James Farrugia jirrizulta li ghall-fini tal-ottemperar mall-obbligu legali li kellu l-appellant skond l-art. 27 (1) u l-ordni li inghata bis-sentenza tal-4 ta' Lulju, 2000 , dan kien bizzejjed u tant hu hekk li id-Dipartiment talab biss il-hlas tal-penali sat-8 ta' Frar, 2002 u mhux oltre . L-istess Farrugia xehed li kieku ried l-appellant seta' ghamel din id-denunzja ferm u ferm qabel it-8 ta' Frar, 2002 u li kienet "haga li setghet saret f'ghaxar sekondi" fi kliem ix-xhud. Xehed ukoll li bhal kif jigri f'kazi fejn persuna registrata tmur id-Dipartiment u tghid li ma sabitx ir-return, jew tilfet jew tgharrqilha ir-return , jew hadet zball fir-return , din tinghata formola ohra li ma tkunx "computer generated" u timliha , f'dan il-kaz hekk gara u l-appellant inghata formola vojta u din intliet minnu bil-pinna . Ghad-domanda tal-Qorti jekk billi mela u pprezenta "nil return" l-appellant kienx ritenut li wettaq l-obbligu tieghu , ix-xhud wiegeb li jekk ma jkunx qed jittrejdja f'dak iz-zmien ghandu l-obbligu li jibghat "nil return" u bil-fatt li din tidhol fid-Dipartiment, l-obbligu ikun twettaq . Umbaghad id-Dipartiment ghandu sitt snin biex jinvestiga u n-"nil returns" eventwalment jigu investigati;

Illi jidher ghalhekk li kieku ried u interessa ruhu u ha l-briga li jmur id-Dipartiment u jara sew x'kien mehtieg minnu , l-appellant seta' faclment ottempera ruhu entro ix-xaharejn zmien li tatu l-ewwel Qorti biex jaghmel dan bis-sentenza tal-4 ta' Lulju, 2000 . Kull ma kellu l-appellant hu li jmur id-Dipartiment , jghidilhom dak li qalilhom fit-8 ta' Frar, 2002, u b'daqqa jew daqqtejn ta' pinna fuq formola gdida li kien jatih id-Dipartiment kien jirranga kollox u jkun ottempera ruhu mall-ligi u mas-sentenza originali. Dan pero' l-appellant naqas li jaghmlu;

Illi il-versjoni tal-appellant li hu naqas li jaghmel dan ghax ma kienx jaf li fl-4 ta' Lulju, 2000 kien wehel multa u li kellu xaharejn zmien biex jikkonforma ruhu u li jekk ma jikkonformax ruhu kien ser jibda' jehel Lm6 kuljum , mill-4 ta' Settembru, 2000 , mhix attendibbli u lanqas verosimili jew probabbli . Apparti li fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti l-ewwel beda biex qal li hu kien jaf bis-sntenza u li ma ottemperax ruhu ghax ma setax u dana precizament ghax ma setax jigbor il-karti u kien biss wara li beda jghid li ma kienx jaf x' kien fiha l-ewwel sentenza, wiehed difficilment jifhem jew jemmen kif persuna tan-negozju tidher il-Qorti , tkun taf li wehlet u ma tiehux passi biex tara x'ghandu jsir . Lanqas hu attendibbli l-appellant meta xehed quddiem din il-Qorti li mar jimla l-formola jew id-denunzja ghax wehel dil-multa , ghax, kif irrizulta , hu mar mela r-return fit-8 ta' Frar, 2002 u is-sentenza appellata inghatat fid-19 ta' Frar, 2002 . Se mai kien ghadu biss irceva ic-citazzjoni biex jidher quddiem l-ewwel Qorti sa dik id-data . Izda kif jirrizulta mir-riferta tan-notifika tal-istess tahrika biex jidher (il-komparixxi) din giet notifikata lilu fis-6 ta' Lulju, 2001 fil-5 p.m. Umbaghad mill-verbal redatt fil-25 ta' Settembru 2001 jidher li minkejja dan hu naqas li jidher quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tal-25 ta' Settembru , 2001 , tant li hareg mandat t'arrest kontra tiehu ghas-seduta tat-13 ta' Novembru, 2001. Ghalhekk , anki kieku kien veru - haga li din il-Qorti mhux qed temmen - li l-appellant ma kienx fehem

l-import tal-ewwel sentenza , meta irceva il-komparixxi fis-6 ta'Lulju, 2001 biex jidher quddiem l-ewwel Qorti bit-tahrika li kienet turi li ghandu ihallas penali , kien imissu agixxa b'mod sollerti u , kif ghamel fit-8 ta' Frar, 2002 , mar id-Dipartiment u spjega il-kaz tieghu . Dan ittraskura li jaghmlu ghal seba xhur shah ! Kieku agixxa tempestivament malli rceva it-tieni citazzjoni , kien jiffranka mill-inqas seba xhur multa bis-LM6 kulljum;

Ghalhekk , apparti li din il-Qorti thoss li l-appellant seta' ukoll facilment ghamel dak li spicca ghamel biss fit-8 ta' Frar, 2002 entro it-terminu li kienet ordnat l-ewwel Qorti bis-sentenza originali taghha tal-4 ta' Lulju, 2000 , u li ma kien hemm ebda impossibilita' fizika biex dan isir da parti tal-appellant, l-istess appellant addirittura wera certa nonkuranza fil-gestjoni tal-affarijiet fiskali tieghu . Il-Ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud , bhal hafna ligijiet fiskali ohra , hija rigoruza ghall-ahhar fl-esekuzzjoni u implimentazzjoni taghha u ic-cittadin li ma jirrispettax it-termini minnha imposti hu soggett ghall-pieni u penali li f'hafna kazijiet huma irriversibbli . Ghalhekk hu fl-interess tac-cittadin li jikkonforma ruhu ma dawn it-termini u , jekk ghal xi raguni ma jistax jaghmel dan, imur id-Dipartiment u jesponi il-kaz tieghu u jitlob direttivi u assistenza. Dan l-appellant ghamlu biss fit-8 ta'Frar , 2002 meta seta' ghamlu ferm u ferm qabel u b'hekk ma kienx jinkorri din il-penali , kif accerta lill-Qorti ir-rapprezentant tad-Dipartiment ,ix-xhud James Farrugia . Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti anki dan l-aggravju huwa infondat u ma jreggix;

Din il-Qorti pero' ma tistax ma tosservax li bhal f'dan il-kaz, fejn si tratta ta' "nil return" u li il-multa u l-penali tigi inkorsa biss ghaliex it-tax payer jew persuna registrata semplicement ma tkunx ottemperat ruha ma' formalita' li trid il-ligi , ghax fil-fatt "prima facie" ma jkunx jidher li giet evaza jew evitata xi taxxa , ghandu jkun hemm dispozizzjonijiet li jaghtu lill-Kummissarju diskrezzjoni li f'kazijiet genwini ma jesigix hlas ta' multi jew penali jew li jesigi multi u penali ridotti aktar konformi mac-cirkostanzi tal-kaz. Hu veru li il-penali f'dan il-kaz mhux pagabbli lid-Dipartiment tal-VAT imma lir-Registru tal-Qorti , imma l-procediment odjern gie inizjat fuq talba tad-Dipartiment tal-VAT li f'certi kazi ghandu jkollu is-seta' li ma jesigix li issir prosekuzzjoni , jew titkompla prosekuzzjoni , meta ic-cittadin ikun ottempera ruhu u meta ma jkunx irrizulta "prima facie" xi evazjoni fiskali;

Pero' idejn din il-Qorti huma marbutin bil-ligi u ma tistax tirriduci il-penali imposta b'sentenza li ghaddiet in gudikat , u ladarba ma jidhrux fondati l-aggravji tal-appellant, trid tillimita ruha filli tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata , b'rizerva ghall-ezitu ta' xi petizzjoni li tista' ssir mill-appellant lill-Eccellenza Tieghu il- President ta' Malta ghall-mahfra tal-penali inkorsa mill-appellant jew xi parti minnha a tenur tal-art. 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta , jekk ikun il-kaz.

(ft) J. G. Galea Debono.
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
30.5.02.